31989R3172

26.10.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 310/49

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3172/89
tas-16 ta' Ottubru, 1989
dwar l- applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 2/89 tal-Kunsill ta' Koperazzjoni bejn il-KEE u l-Eġittu li temenda, minħabba d-dħul ta' Spanja u l-Portugall fil-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 ta' dan,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2573/87 tal-11 ta' Awissu, 1987 li jistabbilixxi l-arranġamenti għal kummerċ bejn Spanja u l-Portugall minn naħa waħda u l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, it-Tuneżija u t-Turkija minn naħa l-oħra [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23 ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 87/456/KEFA tar-rappreżentattanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tal-11 ta' Awissu, 1987, li jistabbilixxi l-arranġamenti dwar il-kummerċ bejn Spanja u l-Portugall minn naħa waħda u l-Alġerija, l-Eġittu, il- Ġordan, il-Libanu, it-Tuneżija u t-Turkija minn naħa l-oħra fi prodotti li jaqgħu taħt it-Trattat tal- KEFA [2] jgħid li t-tibdiliet meħtieġa għar-regoli ta' oriġini adottati mill-Kunsilli ta' Koperazzjoni wara l-adeżjoni ta' Spanja u l- Portugall għandhom japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt id-Deċiżjoni msemmija;

Billi, bis-saħħa ta' l-Artikolu 25 tal-Protokoll Nru 2 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, li tifforma parti integrali mill-Ftehim hawn fuq imsemmi, il-Kunsill ta' Koperazzjoni bejn il-KEE u l-Eġittu adotta d-Deċiżjoni Nru 2/89 li temenda l-imsemmi Protokoll biex jingħata kas ta' l-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall fil-Komunitajiet Ewropej;

Billi huwa meħtieġ li din id-Deċisjoni trid tkun applikata fil-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 2/89 tal-Kunsill ta' Koperazzjoni bejn il-KEE u l-Eġittu għandha tapplika fil-Komunità. It-test tad-Deċiżjoni huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum meta jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Huwa għandu japplika b'effett mill-1 ta' Settembru, 1987.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ottubru, 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DELEBARRE

[1] ĠU L 250, ta' l-1.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 250, ta' l-1.9.1987, p. 112.